**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 003/2017**

**WB**

**vs**

**GasanMamo Insurance Ltd. (C3143)**

**Seduta tas-27 ta' Settembru 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn l-ilmentatur issottometta:**

Illi huwa kien ghamel *claim* mal-kumpanija tal-assikurazzjoni dwar opra tal-bahar li fis-26 ta' Dicembru 2013, kienet instabet madwar mil 'il barra minn Marsaxlokk qieghda taqbad u qed teghreq.

Illi l-Magistrat li kienet ghamlet inkjesta qalet, fost ohrajn, li d-dghajsa tal-marka *Coronet* bl-isem *XXXX*, probabbilment insterqet minn injot u li ma hemmx evidenza ta' xi azzjoni hazina minn sid id-dghajsa.

Illi l-kumpanija tal-assikurazzjoni, wara li stenniet ir-rapport tal-Magistrat, bdiet tfittex skuza biex ma thallasx u sabet sentenza tal-Qorti li fl-20 ta' Marzu 2007, kienet sabitu hati ta' reat li ma wettaqx u li, però, kien ammetta minhabba pressjoni u theddid mill-pulizija.

Illi li kien gara dakinhar tas-sentenza inghata x'jifhem li ma kienx instab hati peress li l-Magistrat tat tbezbiza lill-pulizija talli tellghuh il-Qorti u dan, peress li ma kellhom l-ebda prova, u '*lilna baghtitna 'l barra.*' B'hekk huwa kellu l-impressjoni li ma kienx instab hati u, ghalhekk, fil-polza tal-assikurazzjoni fejn kien hemm il-mistoqsija: *'... to the best of your knowledge and belief have you or any other person you will permit to use the craft ever been convicted or are*

*currently being convicted of any criminal offence or contravention involving dishonesty?'* huwa ghazel li jwiegeb '*no*'.

Illi l-kondotta tal-pulizija wkoll baqghet tidher nadifa u, b'hekk, baqa' jahseb li ma kienx misjub hati.

Illi l-assikurazzjoni qed jghidu li din hija dikjarazzjoni falza meta, fil-fatt, mhux il-kaz ghaliex, sa fejn kien jaf hu, ma kien instab hati tal-ebda reat.

Illi l-kumpanija tal-assikurazzjoni l-ewwel stennew l-inkjesta tal-Magistrat, u meta d-decizjoni ta' din l-inkjesta m'ghogbithomx, bdew ifittxu skuza ohra biex ma jhallsux.

Ghalhekk qed jitlob lill-Arbitru jordna lill-kumpanija tal-assikurazzjoni sabiex tonora l-polza u jhallsuh l-ammont ta' €19,564, l-ammont ta' kif kienet inxurjata d-dghajsa.

Bl-imghaxijiet.

**Il-provditur tas-servizz wiegeb hekk**:[1]

Illi l-ilmentatur kellu d-dghajsa tieghu *'XXXX'* inxurjata ma' *GasanMamo Insurance* u ghamel *claim* li fis-26 ta' Dicembru 2013, kien tilef id-dghajsa peress li kienet qabdet u gherqet.

Illi wara li l-kumpanija assikuratrici kienet ghamlet indagini sabet li ma setghetx taccetta l-*claim* minhabba li l-ilmentatur kien ghamel '*misrepresentation'*, kiser il-principju ta' '*utmost good faith'* u kiser il-*policy condition* nru 7.

Illi huma jghidu li fil-fatt, fl-20 ta' Marzu 2007, l-ilmentatur kien instab hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Gudikatura Kriminali ta' akkuzi ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti (Art. 167); uzu ta' dokumenti foloz ( Art. 169);

falsifikazzjoni ta' atti pubblici kummercjali jew ta' banek minn persuna li mhix ufficjal pubbliku (Art 183); min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz (Art 184); hrug ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz (Art. 185(2)); uzu qarrieq ta' dikjarazzjonijiet u certifikati foloz (Art. 186); dikjarazzjonijiet jew infor-

[1] Ara risposta a fol 22-23

mazzjoni falza lill-awtorità pubblika (Art. 188); forom ohra ta' falsifikazzjonijiet u uzu ta' dokumenti falsifikati (Art. 189); frodi b'eghmil qarrieqi (Art 308) u kazijiet ohra ta' qligh b'qerq (Art. 309) tal-Kodici Kriminali.

Illi fuq il-*proposal form* datata is-17 t'Awwissu 2010, l-ilmentatur iddikjara li hu qatt ma kien instab hati tal-ebda reat jew kontravenzjoni li jinvolvu dizonestà. Barra minn hekk, waqt l-inkjesta li saret biex tigi ezaminata l-*claim* huwa iddikjara mal-espert imqabbad mill-*insurance* illi qatt ma kien tressaq il-Qorti mill-pulizija u misjub hati ta' offiza kriminali. Din id-dikjarazzjoni saret fis-17 ta' Jannar 2014.

Illi meta jsemmi l-inkjesta magisterjali li saret wara l-hruq tad-dghajsa huwa jikkwota biss pagna 10 tar-rapport ta' din l-inkjesta u ghandha ssir referenza wkoll ghall pagni 6,8,9, 10 u 11 ukoll tal-istess rapport.

Ghalhekk kienu cahdu l-*claim*.

Ra l-affidavits

Sema' x-xhieda

Ra d-dokumenti esebiti

**Jikkonsidra:**

Illi dan huwa kaz fejn l-ilmentatur jghid li l-kumpanija li d-dghajsa tieghu kienet inxurjata maghha, ma hallsitux tal-indennizz skont il-polza tal-assikurazzjoni ghaliex kienet gabet skuza li hu ma kienx osserva l-principju ta' *disclosure*, li kien wettaq *misrepresentation* u li kiser il-principju ta' *uberrima fides.*

Jghid li wara li l-inkjesta tal-Magistrati, li kienet waslet ghall-konkluzjoni li m'ghamel xejn hazin fil-hruq u l-gharqa tad-dghajsa, il-kumpanija tal-assi-kurazzjoni gabet dawn l-iskuzi biex ma thallasx.

**Il-Fatti tal-Kaz fil-Qosor huma s-segwenti:**

Illi l-ilmentatur mar jinxurja d-dghajsa tieghu u fil-*proposal form* datata s-17 t'Awwissu 2010,[2] ghall-mistoqsija fuq l-istess *proposal form* taht *'General Questions*' li kienet tghid: '... *ever been convicted of or are currently being convicted of any criminal offence or contravention involving dishonesty?'* wiegeb '*No*'.

Illi fl-*Insurance Policy Document*[3] taht l-intestatura '*General Conditions'*[4] hemm inmizzel:

'*To the best of your knowledge and belief the answers given on your proposal are correct and you did not then omit to disclose any relevant facts, nor on a renewal of a policy omit to disclose any new or altered relevant facts.'*

Illi meta gie mistoqsi waqt l-investigazzjoni li ghamlet l-*insurance* fuq il-*claim* tal-ilmentatur maghha, ghall-mistoqsija li saret mill-investigatur jekk qattx kien misjub hati ta' xi reat kriminali, wiegeb li:

'*Qrati kelli hafna minhabba n-negozju, imma l-pulizija qatt ma ressqitni l-Qorti u hati qatt ma instabt.'*[5]

Illi l-ilmentatur kien tressaq quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali u fl-20 ta' Marzu 2007, il-Qorti sabitu hati, wara ammissjoni li kien ikkommetta reati li jaqghu taht l-Artikoli 183, 184,185(2), 186, 188, 189, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali li, fi kliem iehor, instab hati ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti (Art. 167); uzu ta' dokumenti foloz (Art. 169); falsifikazzjoni ta' atti pubblici kummercjali jew ta' banek minn persuna li mhix ufficjal pubbliku (Art. 183); min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz (Art. 184); hrug ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz (Art. 185(2)); uzu qarrieq ta' dikjarazzjonijiet u certifikati foloz (Art. 186); dikjarazzjonijiet jew informazzjoni falza lill-awtorità pubblika (Art. 188); forom ohra ta' falsifikazzjonijiet u uzu ta' dokumenti falsifikati (Art. 189); frodi b'eghmil qarrieqi (Art. 308) u kazijiet ohra ta' qligh b'qerq (Art. 309).

[2] A fol 16
[3] A fol 28 et seq
[4] A fol 42
[5] A fol 54

Illi, skont il-provditur tas-servizz, l-ilmentatur ghamel *misrepresentation,* m'osservax il-principju ta' *uberrima fides* u l-fatt li kiser kundizzjoni 7 tal-*policy document*, il-kumpanija assikuratrici *GasanMamo* ma laqghetx il-*claim.*

**Konsiderazzjonijiet u Konkluzjoni**

Ghalhekk, l-Arbitru jrid jara jekk, b'referenza ghal dak li hu ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz, ghandux jilqa' jew jichad l-ilment.

Biex jasal ghal dan, l-Arbitru jrid jara jekk il-kumpanija assikuratrici kellhiex ragunijiet bizzejjed sabiex ma tonorax il-polza li kellu l-ilmentatur maghha.

Wahda mir-ragunijiet li gabet il-kumpanija tal-assikurazzjoni kien in-nuqqas ta' *utmost good faith* min-naha tal-assikurat meta ma qalx il-verità fil-*proposal form* li kien instab hati ta' reati serji, anzi wiegeb bil-maqlub.

Fis-sentenza **Paul Grech et vs *Middlesea Insurance p.l.c.* et** tat-28 ta' Lulju 2014, il-Qorti tal-Appell qalet:-

*"….. din il-Qorti tibda biex tosserva illi kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt uberrima fidei li huwa principju accettat mill-awturi u l-gurisprudenza kollha in materja. Kuntratt ta' assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u, kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz.*

*Hekk, fil-kawza Rozanes v. Bowen, 1928, il-Qorti Ingliza osservat:*

*'It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances. That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith.'*

*Fil-kawza Greenhill v. Federal Insurance Co. Ltd., 1927, rega' ntqal:*

*'Now, insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that the position should be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he has not taken as knowing, so that the contract may be entired with an equal footing.'*

*Dan il-principju gie enfasizzat fl-EEC Council Directive tal-1977, ghalkemm, f'dik id-direttiva, gie ssuggerit li l-obbligu tal-assikurat huwa ezawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, minghajr htiega li jzid aktar.*

*Dawn il-principji, kif inghad, huma anke accettati mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza Camilleri noe v. Bartolo, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Marzu, 1982, polza ta' assikurazzjoni giet invalidata meta rrizulta li l-assikurat ma kienx informa lill-kumpanija assikuratrici li kien ghamel claims ohra qabel ma avvicina l-assikurazzjoni. Gie ribadit il-principju li kull fatt materjali ghandu jigi ndikat, u fatt materjali gie deskritt bhala 'fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta' assikuratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju."*

Fil-kawza Degiorgio v. Agius, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656) intqal li:

*"...il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi."*

Principju simili gie ribadit dan l-ahhar mill-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza *Muscat v. Gasan Insurance Agency Limited* deciza fit-2 ta' Marzu, 1998.

Il-kumpanija assikuratrici tghid il-fatt li l-ilmentatur, meta mela l-*proposal form*, ma qalilhiex li kien gie akkuzat u nstab hati ta' reat kriminali ta' dizonestà, kien juri li l-ilmentatur ma agixxiex b'*uberrima fides,* anzi kien ghamel *misrepresentation* u kiser kundizzjoni 7 tal-polza.

Fil-*proposal form*[6] taht it-taqsima **'*General Questions*' 5 (c)** hemm imnizzel hekk:

'... ***ever been convicted or are currently being convicted of any criminal offence or contravention involving dishonesty***?' L-ilmentatur wiegeb '***No***'.

Imbaghad, fil-polza tal-assikurazzjoni,[7] taht '***General Conditions' No. 7***, hemm imnizzel:

'***To the best of your knowledge and belief, the answers given on your proposal are correct and you did not omit to disclose any relevant facts, nor on a renewal of a policy omit to disclose any new or altered relevant facts'.***

Jidher li l-kumpanija assikuratrici ghamlitha cara lill-ilmentatur li ma setax ma jghidx il-fatti kollha relevanti u ma setax jahbi minnha.

L-ilmentatur jghid li hu ma kienx konxju li kien instab hati ta' akkuzi kriminali fl-20 ta' Marzu 2007, mill-Magistrat (illum Imhallef), Dr Jacqueline Padovani Grima.

L-Arbitru ma tantx jista' jifhem kif l-ilmentatur, li kien instab hati ta' diversi akkuzi serji,[8] fuq ammissjoni tieghu stess, haseb li ma kienx instab hati. Dan anke meta fis-sentenza, l-Qorti taghmilha cara li sabitu hati u taghtu l-libertà bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. Kien l-obbligu tal-ilmentatur li jifhem sew is-sentenza, specjalment meta kellu kundizzjoni sabiex ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

L-ilmentatur jghid li kien ammetta dan il-kaz ghaliex kellu pressjoni kbira mill-pulizija li seta' jehel il-habs u, ghalhekk, ammetta.

---

[6] Dok JG1, a fol 91

[7] A fol 42

[8] Ara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-20 ta' Marzu 2007, a fol 108 et seq

Li ghandu quddiemu l-Arbitru hija s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li sabitu hati ta' akkuzi serji li hu ammetta. M'ghandu l-ebda prova ohra.

Ghalhekk, ma jistax jaccetta l-verzjoni tal-ilmentatur: li ma kienx jaf li nstab hati tal-akkuzi kontrih meta hu stess jaf li kien ammetta.

Ir-reati li nstab hati taghhom huma akkuzi serji ta' falsifikazzjoni u qerq, u li juru li l-ilmentatur kien ipprova jqarraq. Huwa ferm difficli li persuna tinsa li tressqet il-Qorti, u wara li tinstab hatja fuq ammissjoni taghha stess, tahseb li ma nstabitx hatja.

L-Arbitru jinnota wkoll illi meta xehed waqt l-investigazzjoni li ghamlu *Khiron Security,* li kienu inkarigati mill-kumpanija assikuratrici biex jinvestigaw il-*claim* li kien ghamel l-istess ilmentatur, ghall-mistoqsija jekk qattx kien misjub hati ta' xi reat kriminali, huwa wiegeb hekk:

'*Qrati kelli hafna minhabba n-negozju, imma l-pulizija qatt ma ressquni l-Qorti u hati qatt ma instabt.'*[9]

Din l-istqarrija ma gietx kontradetta mill-ilmentatur.

Li kieku l-ilmentatur kellu jinghata l-benficcju tad-dubju, li forsi fehem li ma kienx instab hati (haga li l-Arbitru qajla jista' jaccetta), imma zgur li ma hax zball meta wiegeb li hu qatt ma kien tressaq il-Qorti mill-Pulizija. Dan kien fatt li kien jafu u, meta wiegeb kif wiegeb waqt l-investigazzjoni tal-*claim* minn *Khiron Security,* jidher car li l-iskop kien li jahbi l-fatt li kien tressaq il-Qorti u kien instab hati ta' diversi akkuzi.

Ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jaghti kredibilità lill-verzjoni tal-ilmentatur illi qabel ma ha l-assikurazzjoni fil-*proposal form* kien wiegeb '*no'* ghall-mistoqsija jekk qattx kien instab hati ta' reat jew kontravenzjoni, u dan kien ghamlu ghaliex haseb li ma kienx instab hati. Jidher car li l-ilmentatur la qal il-verità meta mela l-*proposal form* u lanqas meta xehed waqt l-investigazzjoni tal-*insurance.*

Fil-fehma tal-Arbitru, l-ilmentatur ma aderixxiex mal-obbligu tieghu ta' *full disclosure* mal-kumpanija assikuratrici, kif kellu l-obbligu li jaghmel.

---

[9] Stqarrija li ghamel l-ilmentatur waqt din l-investigazzjoni ma' *Khiron Security,* a fol 54

Din l-informazzjoni li kienet qed titlob il-kumpanija kienet wahda materjali ghaliex kull assikurazzjoni tahsibha darbtejn jekk tassikurax persuna li tkun wettqet reati kriminali ta' dizonestà. Ir-reati li kien akkuzat bihom l-ilmentatur jaqghu f'din il-kategorija.

Kif iddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili:[10]

*"Gialadarba l-klijent ghazel li jzomm mistur fatti li kellu d-dmir ighidhom lill-konvenuta, gie li mar kontra l-principju ta' uberrimae fidei."*

Fl-istess sentenza il-Qorti ziedet:

*"Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab il-hrug tal-polza. Dana billi b'dak il-mod biss is-socjetà assikuratrici tista' ssir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex taghzel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabbilixxi "premium" adegwat. Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' uberrimae fidei hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni."*

(Qorti tal-Appell, ***Sammut vs Middlesea Insurance plc*** 14 ta' Mejju 2004).

Hekk ukoll fis-sentenza ***Paul Grech et vs Middlesea Insurance plc et***, il-Qorti tal-Appell osservat:-

***"Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta negattiva li ta l-assikurat ghandha l-karattru ta' 'misrepresentation of a material fact' li ghandha twassal ghall-invalidita` tal-kuntratt."***

*(Ara wkoll Parnis v. Fava, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2001).*

L-Arbitru hu tal-fehma li l-principji enuncjati f'din il-gurisprudenza huma relevanti ghall-kaz inkwistjoni.

[10] *Ambrose Mackay et vs Citadel Insurance plc* , PA, 18/05/2016

L-ilmentatur ma agixxiex b'*utmost good faith*, ghamel *misrepresentation* mal-kumpanija assikuratrici u, ghalhekk, kiser ukoll il-kundizzjoni 7 tal-*policy* tal-assikurazzjoni.

Ghalhekk, meta l-Arbitru jiehu inkonsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz u l-principji stabbiliti fil-gurisprudenza taghna, jsib li l-kumpanija assikuratrici *GasanMamo Insurance Limited* kellha gustifikazzjoni tajba sabiex ma tonorax il-polza ta' assikurazzjoni tad-dghajsa inkwistjoni, u b'referenza ghal dak li hu ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi ta' dan il-kaz, l-Arbitru qed jichad l-ilment.

Bl-ispejjez kontra l-ilmentatur.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji